**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Dicembru 2021**

**Rikors Numru: 301/2006 MLF**

**Michael Attard Limited**

**vs**

**1. Mary Tedesco bhala eredi tad-defunt Emanuel Tedesco**
**2. L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami mahtur bhala kuratur deputat b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2006 sabiex jirraprezenta lill-eredi ohra, isimhom mhux maghruf, ta' Emanuel Tedesco**
**3. Untours Insurance Agency Limited u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2007 giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens illi il-kliem "Untours Insurance Agency Limited" jigi kancellat u sostitwit bil-kliem "Untours Insurance Agents Limited bhala mandatarji tas-socjeta' assikuratrici estera Qatar Insurance Co."**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallasuha s-somma ta' LM4,621.67 (erbat elef sitt mija u

wiehed u ghoxrin lira Maltin u seba' u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' vettura tat-tip Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBM-063, mibjugha u konsenjata lid-defunt Emanuel Tedesco mis-socjeta' rikorrenti.

Fir-rikors promotur is-socjeta' attrici ppremettiet illi t-talba taghha saret stante:

Illi permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' April 2005 (kopja annessa u markata bhala Dok. A) is-socjeta' rikorrenti bieghet lid-defunt Emanuel Tedesco l-vettura tat-tip Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBM-063 u dana versu l-prezz ta' LM6,400;

Illi mill-prezz tal-bejgh pattwit id-defunt Emanuel Tedesco hallas biss is-somma komplessiva ta' LM1,778.33 (LM1,700 mad-data tal-ftehim u LM78.33 bhala l-ewwel pagament mensili dovut skond l-istess ftehim tad-29 ta' April 2005);

Illi d-defunt Emanuel Tedesco u / jew l-eredi tieghu skond il-Ligi huma moruzi fil-pagament ta' aktar minn zewg rati mensili u skond l-artikolu 2 (k) tal-ftehim tad-29 ta' April 2005, dana igib mieghu it-telf tal-beneficcju tat-terminu ghall-hlas moghti lid-debitur.

Illi ghaldaqtsant il-bilanc tal-prezz ta' LM4,621.67 huwa dovut immedjatament;

Illi s-socjeta' intimata Untours Insurance Agency Limited kienet is-socjeta' assikuratrici tal-vettura DBM-063, liema vettura, kif pattwit fl-artikolu 2 (b) tal-ftehim anness mar-rikors promotur u markat bhala Dok. A kellha tibqa il-propjeta assoluta tas-socjeta' rikorrenti sakemm jithallas il-prezz intier, li kif spjegat ma huwiex imhallas;

Illi b'dana l-fatt is-socjeta' intimata Untours Insurance Agency Limited kienet ghal konoxxenza meta inharget il-polza tal-assikurazzjoni u l-interess tas-socjeta' rikorrenti fil-vettura DBM-063 gie registrat mal-istess socjeta' intimata Untours Agency Limited;

Illi l-vettura DBM063 iggarfet "beyond economical repair" f'incident li sehh fid-19 ta' Gunju 2005, f'liema incident tilef hajtu Emanuel Tedesco, kopja tal-proces verbal relativ anness u markat bhala Dok. B;

Illi s-socjeta' konvenuta Untours Insurance Agency Limited qed tirrifjuta li tindennizza d-danni sofferti fl-imsemmi incident ghal ragunijiet infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Rat ir-risposta tal-konvenut Dr Beppe Fenech Adami nomine fejn eccepixxa:

   i. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizerva illi jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huwa jigi edott mill-fatti;

3. Effettivament, il-kuratur Dottor Fenech Adami qatt ma ipprezenta nota ta' eccezjonijiet ulterjuri.

4. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Untours Insurance Agents Ltd fejn eccepiet:

   i. Illi fl-ewwel lok l-Untours Insurance Agents Ltd ma tohrog ebda polza ta' assikurazzjoni u ma harget ebda polza ta' assikurazzjoni fil-konfront tal-vettura Peugeot nru DBM 063.

   ii. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni li (ghandha tigi trattata *in limine litis*) bejn is-socjeta' eccipjenti u dik attrici m'hemm ebda relazzjoni guridika.

   iii. Illi fi kwalunkwe kaz trid issir il-prova mis-socjeta' attrici li l-incident "de quo" kien jaqa' taht il-provvedimenti ta' polza vigenti (ara APP CIV 1163/99 Giuseppe Tabone & Co Ltd vs Atlas Agency Ltd noe et dec. 07.07.06)

5. Rat ir-risposta tal- konvenuta Mary Tedesco fejn eccepiet:

   i. Illi l-esponenta m'hiex il-legittimu kontradittur stante li id-defunt Emanuel Tedesco bhala sid il-vettura kien hareg polza ta' assikurazzjoni u cioe ma' Untours Insurance Agency Ltd liema polza kienet tiehu hsieb sitwazzjonijiet ta' din ix-xorti.

   ii. Illi mingahjr pregudizzju.ghas-suespost, l-istess socjeta' attrici qed tirrikonoxxi l-fatt li tezisti l-polza ta' assikurazzjoni tant li l-istess socjeta' assikuratrici giet indikata bhala konvenuta fil-proceduri odjerni u dan ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

6. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

8. Permezz ta' ftehim datat 29 ta' April 2005, is-socjeta' attrici bieghet lil Emanuel Tedesco il-vettura tat-tip Peugeot 206, u dan versu l-prezz ta' Lm6,400 li minhhom is-somma ta' Lm1,700 thallset minn Emanuel Tedesco dak inhar tal-ftehim, filwaqt li r-rimanenti Lm4,700 kellhom jithallsu b'rati mensili ta' Lm78.33. Fi klawsola 2(b) ta' dan il-ftehim, il-partijiet kienu qablu li sakemm jithallas il-bilanc tal-prezz, il-vettura kellha tibqa' propjeta' tas-socjeta' attrici. Klawsola 2(k) imbaghad kienet tipprevedi li f'kaz li l-kompratur jikser wahda mill-kundizzjonijiet tal-ftehim jew ikun moruz fil-hlas ta' zewg pagamenti mensili, is-socjeta' attrici kellha l-jedd titlob il-bilanc kollu tal-prezz u b'hekk il-kompratur kien jitlef il-beneficcju li jhallas b'pagameti mensili.[1]

9. Nhar id-19 ta' Gunju 2005, il-katavru ta' Emanuel Tedesco kien instab f'nofs il-Port il-Kbir. Dwar dan il-kaz kienet infethet inkjesta *in genere* mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano li kien hatar diversi esperti sabiex jassistuh. Meta l-katavru ittella' fuq ix-xatt gie innutat li l-katavru ta' Emanuel Tedesco kien bla hwejjeg hlief ghal par kalzetti. Taht il-bahar ftit il-barra mix-Xatt ta' Lascaris instabet il-karozza mertu tal-kawza. Iz-zewg gizirajjen tad-deheb li solitament kienu jkunu fuq il-persuna tad-defunt ma nstabux, izda nstabu c-crieket li kienu f'subghajh. Fil-vettura kien instab il-flokk tad-defunt izda l-qalziet ma kienx instab.[2]

10. Mill-investigazzjonijiet imwettqa mill-Magistrat Inkwerenti irrizulta li ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza fuq il-kadavru ta' Emanuel Tedesco u mill-awtopsja jirrizulta li miet

[1] Ara l-ftehim datat 29 ta' April 2005 immarkat bhala Dok A a *fol.* 3 tal-process.
[2] Ara l-konkluzjonijiet tal-Magistrat Inkwerenti a *fol.* 9 tal-process.

mgharraq.[3] In oltre, gie stabbilit li l-vettura in kwistjoni instabet ingranata fuq il-first gear u bic-cavetta fil-post fl-ignition switch fuq il-posizzjoni ‘on’ u bil-handbrake imnizzel. L-espert tekniku Joseph Zammit mahtur mill-Magistrat Inkwerenti ikkonkluda li l-vettura nstaqet bi procedura normali mill-persuna li kienet qed tiggwidaha u inxtehtet fil-bahar bil-vettura b’kollox. Il-vettura kellha wkoll il-hgiega tal-bieba ta’ wara tan-naha tal-lemin imnizla, liema hgiega titella’ b’mod manwali u mhux bis-sistema elettrika bhal ma kienu iz-zewg bibien ta’ quddiem.[4]

11. Irrizulta li l-lejl ta’ qabel id-defunt Emanuel Tedesco kien mar wahdu go bar bl-isem Tom’s Bar gewwa l-Floriana ghal habta tal-ghaxra ta’ filghaxija. Hemmhekk id-defunt kien iltaqa’ ma koppja li maghhom qatta l-lejl jixrob.[5] Id-defunt hareg wahdu mill-istess bar ghal habta tas-siegha u nofs ta’ filghodu.[6] Mit-testijet tossikologi rrizulta li l-livell tal-alcohol fid-demm tad-defunt kien ta’ 265mg/100ml li juri li kien xurban. Instabu ukoll 0.7mg/l ta’ Diazepm li l-effetti sedattivi tieghu jigu accentwati bil-konsum tal-alcohol.[7]

12. Irrizulta wkoll li bejn is-sena 1995 u s-sena 1998 id-defunt kien gie ammess fl-Isptar Monte Carmeli hames darbiet. Fis-sena 1996 kien dahal il-Casualty Department ta’ l-Isptar San Luqa ghax kellu lacerazzjonijiet f’ghonqu.

13. Il-Magistrat Inkwerenti ikkonkluda li *“fid-dawl ta’ dan kollu huwa li dan aktarx kien kaz jew accidentali jew suwicidju. Ma hemmx provi jew evidenza li juru li kien hemm xi foul play.”*[8]

14. Fiz-zmien tal-akkadut, il-vettura kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni mahruga fuq isem id-defunt mis-socjeta’ konvenuta Untours Insurance Agents Ltd bhala agent tas-

---

[3] Ara l-konkluzjonijiet tal-patologisti Prof. Marie Therese Camilleri u Dr Sarfaz Ali fir-relazzjoni taghhom *a fol.* 100 tal-process, u l-konkluzjoni tat-tabib forensiku Dr Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-Inkjesta a *fol.* 94 tal-process.
[4] Ara l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku Joseph Zammit fir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-Inkjesta a *fol.* 94 tal-process.
[5] Ara x-xhieda tal-Ispettur Ramon Cassar a *fol.* 97 tal-process.
[6] Ara r-relazzjoni tal-espert Dr Richard Sladden fl-atti tal-Inkjesta a *fol.* 94 tal-process.
[7] Ara r-rapport tossikologu ta’ Dr Michael Sammut fl-atti tal-Inkjesta a *fol.* 94 tal-process.
[8] Ara l-konkluzjoni tal-Magistrat Inkwerenti a *fol.* 9 tal-process.

socjeta' assikuratrici estera Qatar Insurance Company taht kopertura tat-tip *comprehensive.* [9]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni tal-konvenuta Mary Tedesco – Legittimu Kontradittur*

15. Bl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta Mary Tedesco tecepixxi li hi mhijiex il-legittimu kontradittur stante li d-defunt Emanuel Tedesco kien hareg polza ta' assikurazzjoni li *kienet* tikkontempla c-cirkostanzi mertu ta' dan il-kaz.

16. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi kif gie osservat aktar kmieni f'din is-sentenza, it-talba attrici hija mibnija fuq il-premessa li s-socjeta' attrici hija dovuta l-hlas relattiv ghall-bilanc tal-prezz tal-vettura mibjugha lid-defunt Emanuel Tedesco. Fuq ammissjoni tal-istess konvenuta jirrizulta li d-defunt ma kellux testment[10] u konsegwentement is-successjoni tieghu hija regolata mill-artikolu 812(b) tal-Kodici Civili li jipprovdi li "*Meta l-mejjet ma jħalli warajh ebda tfal jew dixxendenti oħra, lanqas lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi: (b) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u qraba kollaterali diretti: nofs għall-eqreb axxendent jew axxendenti u n-nofs l-ieħor għall-qraba kollaterali diretti.*" Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess attrici li hi u l-werrieta l-ohra naqsu milli jirrinunzjaw ghall-wirt tad-defunt fiz-zmien stipulat fl-artikolu 869 tal-Kodici Civili.

17. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 gie ritenut illi:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

[9] Ara is-Certificate of Motor Insurance a *fol.* 55 tal-process.
[10] Ara x-xhieda tal-konvenuta Mary Tedesco a *fol.* 184 tal-process.

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

18. Il-Qorti tirrileva li skond il-ftehim tad-29 ta' April 2005, id-*decuius* kellu l-obbligu li jhallas il-prezz tal-bejgh tal-vettura *de quo* skond il-pattijiet u kundizzjonijiet elenkati fl-istess ftehim, fosthom li f'kaz li d-defunt jikser wahda mill-kundizzjonijiet tal-ftehim jew ikun moruz fil-hlas ta' zewg pagamenti mensili, is-socjeta' attrici kellha l-jedd titlob il-bilanc kollu tal-prezz. Mal-mewt ta' Emanuel Tedesco, id-drittijiet u l-obbligi naxxenti minn dak il-ftehim ghaddew ghand il-werrieta tieghu, li wahda minnhom hija l-konvenuta Mary Tedesco. Konsegwentement, u stante li l-konvenuta Mary Tedesco giet citata f'din il-kawza sabiex thallas l-bilanc tal-prezz fil-kwalita' taghha ta' werrieta tad-*decuius*, din l-eccezzjoni tal-konvenuta mhijiex misthoqqa u ser tigi michuda.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta – Ma nhargitx polza fuq il-vettura de quo</u>*

19. Bl-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta eccepiet li hi la tohrog u lanqas harget polza tal-assikurazzjoni fuq il-vettura mertu tal-kawza.

20. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma tassikurax hi izda tagixxi bhala agent tas-socjeta' estera Qatar Insurance Co. Jirrizulta wkoll li fiz-zmien l-akkadut, il-vettura de quo kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mahruga minn din is-socjeta' estera tramite s-socjeta' konvenuta. Ghalhekk meta inharget il-polza ta' assikurazzjoni, is-socjeta' konvenuta ma kenitx qeghda tagixxi bhala socjeta' f'isimha propju izda f'isem

is-socjeta` assikuratrici estera imsemmija li taghha hija l-agent f'Malta. Huwa minnu li inizjalment is-socjeta' konvenuta giet imharrka f'isimha proprju, izda din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz tad-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-29 ta' Jannar 2007 u li permezz tieghu giet milqugha t-talba maghmula mis-socjeta' attrici sabiex isem is-socjeta konvenuta jigi korrett, kif ukoll sabiex jigi jirrifless il-fatt li s-socjeta' konvenuta tharrket bhala agent tas-socjeta' assikuratrici estera.

21. Mill-provi jirrizulta li l-vettura de quo kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta Untours Insurance Agents Ltd bhala agent tas-socjeta' assikuratrici estera Qatar Insurance Company.

22. Ghalhekk, billi din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta giet sorvolata permezz ta' din il-korrezzjoni, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

*It-Tieni Eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta – Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika*

23. Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta issostni li bejnha u bejn is-socjeta' attrici ma hemm ebda relazzjoni guridika. Fis-sottomissjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta tispjega din l-eccezzjoni billi targumenta li l-ftehim datat 29 ta' April 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici bieghet lil Emanuel Tedesco il-vettura in kwistjoni johloq relazzjoni guridika biss bejn is-socjeta' attrici bhala venditrici u Emanuel Tedesco bhala l-kompratur. Is-socjeta' konvenuta targumenta wkoll li r-relazzjoni guridika li kellha hi kienet biss mal-assikurat taghha u ghalhekk kienet tenuta thallas biss f'kaz li l-interpellazzjoni ghall-hlas tad-danni saret mill-werrieta tal-assikurat u jirrizulta li d-danni reklamati kienu koperti bil-polza.

24. Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni ta' l-Ilma et nomine vs Emanuel Grixti** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] nhar l-10 ta' Jannar 2007 gie ritenut li *"b'relazzjoni guridika, wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjonijiet tieghu. Obbligazzjoni din li tista*

[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*tkun wahda kemm di dare jew di fare jew di non fare. Tali rapport obbligatorju jista jkun wiehed f'sens dirett u jista jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

25. Da parti taghha, s-socjeta' attrici tissottometti li hekk kif jirrizulta kjarament mill-ftehim tad-29 ta' April 2005, il-partijiet kienu qablu li sakemm jithallas il-bilanc tal-prezz, il-vettura kellha tibqa' propjeta' taghha. F'dan ir-rigward is-socjeta' attrici taghmel referenza ghall-klawsola 2(b) tal-istess ftehim li kienet tippreskrivi li:

*"(b) Until the sum of Four thousand seven hundred (LM4,700.00) together with interest and other charges accrued thereon, hereinafter referred to as the Balance, is paid in full by the Purchaser to the Vendor the Vehicle shall remain the sole and absolute property of the Vendor who reserves in his favour the full rights of ownership over the said Vehicle".*

26. Mill-atti processwali jirrizulta li minn dan il-bilanc, id-defunt kien hallas biss pagament mensili wiehed u dan peress li huwa gie nieqes fid-19 ta' Gunju 2005, u cioe' ftit gimghat wara l-iffirmar tal-ftehim mas-socjeta' attrici. Konsegwentement is-socjeta' attrici baqghet sid il-vettura.

27. F'dan l-istadju tajjeb li ssir referenza ghat-termini u kundizzjonijiet li kienu jirregolaw il-kuntratt tal-assikurazzjoni bejn is-socjeta' konvenuta u l-assikurat taghha. Il-Qorti tosserva li l-polza tal-assikurazzjoni kienet tipprevedi li jekk jigi a konoxxenza tas-socjeta' assikuratrici li l-vettura kienet soggetta ghal ftehim ta' Hire-Purchase, f'kaz ta' telf totali tal-vettura jew f'kaz ta' tiswijiet kwalunkwe pagamenti kellhom isiru lis-sid tal-vettura. F'dan ir-rigward il-polza kienet tippreskrivi hekk:

*"If to the knowledge of the Underwriters the Insured Vehicle is the subject of a Hire Purchase Agreement any payments in connection with a Total-Loss or in lieu of repairs shall be made <u>to the owner described therein</u> whose receipt shall constitute a final discharge to Underwriters."* (sottolinear tal-Qorti)

29. Ghaldaqstant mit-termini tal-polza tal-assikurazzjoni jirrizulta li l-kuntratt tal-assikurazzjoni stess kien jipprevedi c-cirkostanza fejn bhal ma kien f'dan il-kaz, il-persuna assikurata ma kinitx sid il-vettura, u kien jipprovdi li f'dik l-eventwalita'

kwalunkwe hlas relattiv ghad-danni subiti mill-istess vettura kellu jsir lis-sid tal-vettura li f'dan il-kaz kienet u baqghet is-socjeta' attrici.

30. Pero fil-kaz odjern, din il-klawsola m'hix applikabbli, ghaliex meta id-*decuius* Tedesco mela l-proposal form, huwa indika li kien l-unika sid tal-vettura, u ma indikax li l-vettura kienet suggetta ghal *hire purchase agreement*.[12] Huwa pacifiku li l-proposal form tifforma parti integrali mill-ftehim tal-polza ta' assigurazzjoni. Kif jinghad fl-istess klawsola, f'kaz li l-vettura tkun suggetta ghal *hire purchase agreement*, is-socjeta konvenuta hija obbligata li thallas *"the owner described therein"* – cioe s-sid dikjarat fuq il-proposal form. Pero, fil-kaz odjern, l-unika sid dikjarat fil-proposal form kien id-*decuius* biss. Anthony Amaira, rapprezentant tas-socjeta konvenuta, xehed hekk: *"… … (F)'dan il-kaz ma kellna l-ebda xnieha dwar l-interess tas-socjeta attrici fil-karozza in kwistjoni."*[13]

31. Huwa rilevanti li l-klawsola 2(e) tal-*hire purchase agreement* tippreskrivi illi: *"The Purchaser shall, until the Balance is paid up in full, at his/her expense keep the Vehicle insured, in the joint names of the Purchaser and the Vendor, on a fully comprehensive basis with an insurance company as directed by the Vendor … …"*[14] Huwa evidenti li d-*decuius* naqas mill-obbligu tieghu ai termini ta' din il-kundizzjoni li jassigura l-vettura f'isem is-socjeta attrici wkoll, u ma jirrizultax mill-atti li s-socjeta attrici hadet il-passi necessarji sabiex tassigura ruhha li d-*decuius* jadempixxi ruhu ma' dan l-obbligu assunt minnu.

32. Ghalhekk mill-provi prodotti, certament ma jirrizultax dak li allegat is-socjeta attrici fir-rikors promotur, u cioe li s-socjeta konvenuta kienet ghal konoxxenza meta inharget il-polza tal-assigurazzjoni li l-vettura kienet suggetta ta' *hire purchase agreement*, u wisq inqas li l-interess tas-socjeta attrici fil-vettura gie registrat mal-istess socjeta konvenuta. Ladarba fil-polza tal-assigurazzjoni, ma giex dikjarat li l-vettura kienet suggetta ghal *hire purchase agreement*, is-socjeta attrici mhix intitolata ghal hlas a bazi tal-klawsola fuq citata.

---

[12] Ara l-Proposal Form *a fol.* 75 tal-process, u x-xhieda ta' Anthony Amaira *a fol.* 74 tal-process.
[13] *A fol.* 54 tal-process.
[14] *A* fol. 4 tal-process

33. Ghal fini ta' kompletezza huwa vera li fis-sentenza **Joseph Mallia vs Joseph Falzon et** deciza fil-31 ta' Lulju 1996, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[15] irriteniet hekk:
*"Mhux eskluz fit-teorija li tali sitwazzjoni tista' tinholoq fejn id-danneggjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaguna l-hsara jidhlu f'relazzjoni diretta bejniethom, li bhala rizultat taghha, is-socjeta assikuratrici tassumi pjenament ir-responsabbilita ghall-hlas tad-danni u dana bl-accettazzjoni da parti tad-dannegjat li jehles lil min kien ikkagunalu l-hsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jehtieg li jkun esplictu, car, u univoku u maghmul fil-forma li tesigi l-ligi. Ftehim li jrid ukoll isir in osservanza tal-provvidimenti tal-Kap. 104 kif gustament osservat is-socjeta appellata."*[16]

34. Pero fil-kaz odjern – apparti l-fatt li l-fattispecje tal-kaz odjern ma mhux regolat mill-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta - mill-provi prodotti ma jirrizulta bl-ebda mod li inholqot xi relazzjoni kontrattwali gdida bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta attrici, li bhala rizultat taghha, kien hemm xi assunzjoni da parti tas-socjeta konvenuta li taghmel tajjeb ghad-danni – jew ahjar il-bilanc tal-prezz tal-vettura – reklamati mis-socjeta attrici. Jirrizulta anzi l-kontra. Mill-provi jirrizulta li mhux biss is-socjeta konvenuta ma assumiet l-ebda responsabbilita ghal hlas lis-socjeta attrici, f'isem u minflok il-werrieta tad-defunt assigurat taghha, imma ghal kuntrarju s-socjeta konvenuta irrifjutat li thallas lill-werrieta l-valur assigurat tal-vettura, stante li qed tissottometti l-incident *de quo* ma kienx jaqa' taht il-provvedimenti tal-polza tal-assigurazzjoni vigenti.

35. Minn dak li l-Qorti tista' tifhem mill-atti processwali, id-diskussjonijiet li kien hemm kienu l-aktar, jekk mhux esklussivament, bejn il-konvenuta Mary Tedesco u s-socjeta konvenuta dwar ir-rifjut li tindennizza lilha u lill-uliedha d-danni subiti, u mhux bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta attrici dwar ir-responsabbilita taghha ghall-hlas u l-*quantum* taghhom. Konsegwentement mill-provi ma tirrizulta l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta attrici, kif prospettata mis-socjeta attrici fir-rikors promotur u fit-trattazzjoni orali.

---

[15] *Per* Prim Imhallef Joseph Said Pullicino.
**[16] Ara wkoll is-sentenzi Joseph Micallef nomine vs Carmelo Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 1953 u **Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta vs Wilfred Mamo nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Mejju 1981.

36. Konxju ta' dawn l-ostakli legali, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta attrici issottometta wkoll illi peress li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-eredi tad-defunt Emanuel Tedesco u l-istess eredi huma debitriċi tas-soċjeta' attriċi, teżisti relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjeta' konvenuta ai termini tal-Artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu jirregola l-*actio debitor debitoris mei*, jew kif inhi ukoll maghrufa l-azzjoni surrogatorja jew l-azzjoni oblikwa.

37. L-Artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

*"Kull kreditur jista' biex jitħallas ta' dak li jkollu jieħu, jeżerċita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tiegħu, barra minn dawk li huma għal kollox personali."*

38. L-azzjoni surrogatorja giet eżaminata fis-sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[17] fit-30 ta' Mejju 2002 fil-kawża **Stephenson Harvey vs Dr Tanya Sciberras Camilleri et nominee,** fejn il-Qorti irriteniet hekk:

*"Bħal kull azzjoni oħra, il-kreditur irid juri li għandu interess li jressaq l-azzjoni, liema interess jiġi nieqes jekk kemm-il darba m'hemm l-ebda dubju li d-debitur tiegħu huwa solvent jew jekk id-debitur ikun diġa' beda minn rajħ proċeduri kontra d-debituri tiegħu biex jitħallas mingħandhom. Fid-dawl tal-attwalita' tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li għandu lejħ id-debitur tiegħu irid ikun dovut, u mhux sospiż b'xi kundizzjoni li żżommu milli jista' jibda proċedura diretta kontra d-debitur tiegħu;*

*L-elementi ta' l-azzjoni surrogatorja huma:*

*(a) li l-attur ikun tassew kreditur tad-debitur,*

*(b) li l-kreditu tiegħu huwa wieħed fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali,*

*(ċ) li d-debitur ikollu jedd, ta' natura patrimonjali u miftuħ għaliħ, kontra debitur tiegħu,*

---

[17] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.

*(d) li l-attur irid juri li d-debitur tiegħu naqas, kemm bi traskuraġni jew għaliex ma jimpurtahx, li bl-għaqal meħtieġ imexxi biex jieħu li ħaqqu mingħand id-debitur tiegħu,*

*(e) li l-attur irid juri li, bin-nuqqas ta' aġir f'waqtu tad-debitur tiegħu, huwa qiegħed iġarrab preġudizzju fil-jedd tiegħu li xi darba jiġbor il-ħlas mingħand l-istess debitur u,*

*(f) f'każ li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, l-attur irid jipprova wkoll il-kreditu li d-debitur tiegħu għandu kontra t-terz debitur.*

*Filwaqt li, kif ingħad, il-kreditur irid jipprova kemm il-kreditu tiegħu kontra d-debitur tiegħu, u kif ukoll il-kreditu tad-debitur tiegħu kontra d-debitur ta' dan, l-attur kreditur jista' jagħżel kemm li jikkonferma b'azzjoni preċedenti il-kreditu tiegħu kontra d-debitur, imma jista' wkoll jagħżel li jagħmel dan fl-azzjoni surrogatorja nnifisha. Dan iżda jkun ifisser li, f'każ fejn l-azzjoni surrogatorja ssir qabel ma l-kreditur ikollu sentenza jew titolu eżekuttiv ieħor li jikkonferma l-kreditu, l-attur kreditur ma jistax ma jitlobx ukoll u jikseb il-kundanna tad-debitur tiegħu għall-ħlas tal-kreditu. Jekk għal xi raġuni, l-attur kreditur ma jseħħlux jegħleb dan l-ewwel għan, ma jiswielu xejn li jittanta jimxi 'l quddiem għat-tieni rigward.*

*Fl-azzjoni surrogatorja, l-attur imexxi in jure debitoris, u għalhekk il-jedd li l-attur kreditur jista' jkollu fil-konfront tat-terza persuna la jista' jkun akbar u lanqas iżgħar mid-dritt li d-debitur ewlieni għandu kontra min għandu jagħti lilu. Id-debitur terz imħarrek jista' jtella' kontra l-attur kreditur tal-kreditur tiegħu kull eċċezzjoni li hu jista' iqanqal kontra l-kreditur immedjat tiegħu kieku dan kellu jfittxu għall-ħlas tad-dejn."*

39. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-mod kif ir-rikors promotur gie redatt – kif fuq citat - ma jindikax li s-socjeta attrici kienet qed tezercita l-azzjoni surrogatorja fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Fil-fatt, fir-rikors promotur hija qed titlob biss il-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura in kwistjoni a bazi tal-kuntratt ta' *hire purchase,* u mhux qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi dikjarata debitrici tal-konvenuti eredi ta' Emanuel Tedesco, inkluza l-konvenuta Mary Tedesco, l-ammont lilhom dovut a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni. Pero ai termini tal-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Procedura Civili, tista'

tiddeċiedi fuq jedd għalkemm dan il-jedd ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali. Ghaldaqstant, din il-Qorti se tikkunsidra jekk it-talba tas-socjeta attrici tissodisfax ir-rekwiziti sabiex tigi ezercitata l-azzjoni surrogatorja.

40. Fis-sottomissjonijiet orali, l-abbli difensur tas-socjeta konvenuta argumenta li s-socjeta attrici ma tistax tezercita l-azzjoni surrogatorja fil-konfront taghha, ghaliex ma hemm l-ebda sentenza li tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici ta' l-eredi ta' Emanuel Tedesco.[18] Din is-sottomissjoni m'hix wahda legalment valida ghaliex kif diga inghad l-iskop kollu tal-azzjoni surrogatorja huwa sabiex tipprotegi l-interessi kreditur, meta id-debitur tiegħu jonqos, kemm bi traskuraġni jew għaliex ma jimpurtaħx, li bl-għaqal meħtieġ imexxi biex jieħu li ħaqqu mingħand id-debitur tiegħu. Fil-fatt, f'każ li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, bhal fil-kaz odjern, l-attur irid jipprova wkoll il-kreditu li d-debitur tiegħu għandu kontra t-terz debitur.

41. Minghajr ma' din il-Qorti tidhol fil-mertu dwar jekk is-socjeta konvenuta hix tenuta thallas lill-eredi ta' Emanuel Tedesco a bazi tal-polza tal-assikurazzjoni, wiehed mir-rekwiziti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni surrogatorja hija li l-attur irid juri li, bin-nuqqas ta' aġir f'waqtu tad-debitur tiegħu, huwa qiegħed iġarrab preġudizzju fil-jedd tiegħu li xi darba jiġbor il-ħlas mingħand l-istess debitur. Fil-fatt fis-sentenza **Celestino Muscat vs Giovanni Attard et** deciza fit-3 ta' Gunju 1938, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:[19]

*"… … (H)uwa cert li l-kreditur, li jezercita din l-azzjoni surrogatorja, ghandu juri l-interess li jaghmel din l-azzjoni ta' rexissjoni, ghaliex diversament jekk il-fond mibjugh ma jergax jidhol fil-patrimonju tad-debitur tieghu, huwa jista jkollu l-perikolu li ma jkunx jista' jithallas mill-kreditu tieghu, u hekk, fi ftit kliem, il-kreditu tieghu jkun f'perikolu li jintilef. … …*

*Il-Giorgi fuq din il-kwistjoni hekk jghid: "Se il creditore agisce a mero scopo di conservazione, la negligenza del debitore non gli basta, quando non sia accompagnata dal pericolo che il creditore stesso corra di perdere il benefizio del diritto o dell'azione da esercitarsi. … …" (Giorgi, Delle Obbligazioni, Vol. II No. 226); u l-istess awtur*

[18] Ara *fol.* 231 tal-process.
[19] Vol. XXX-I-155.

*fin-numru 227 l. c.* jghid: *"Basta che le cirostanze di fatto mostrino un motivo serio di suspettare della negligenza del debitore, ed un pericolo per il creditore, rimanendo inattivo, i propri diritti." Il-Laurent (Diritto Civile, Vol. XVI No. 394) ighid fuq din l-azzjoni: "Bisogna andar oltre e decidre in principio che il creditor non puo agire se non quando egli ha un motivo serio per esercitare i diritti del suo debitore. L'esercizio del diritto di cui all'art. 1166 costituisce una inframmettenza nei diritti del proprietario e quindi non si deve permettere se non quando il creditore e nella necessita di agire per tutelare i suoi diritti. Quale e il suo scopo? Il suo debitore non lo paga, ed egli cerca di ottenere il suo pagmento esercitando i diritti del suo debitore. Bisogna dunque che l'azione tenda a questo oggetto e possa ottenere questo risultato. Chi sara il Giudice dell'esistenza di questa condizione? La lege non stabilisce le condizione: spettera quindi al magistrate di decidere se il creditore ha un interesse sufficiente per potere agire."*

42. L-awturi **Planiol et Ripert** huma tal-istess opinjoni u fil-fatt jghidu hekk:

*"**910.** … … L'inaction du debiteur doit etre prejudicable au creancier, ce qui suppose que l'action qu'il s'astient d'exercer doive avoir un resultat utile pour le creancier, celui de faire entrer dans son gage general des caleurs sur lesquelles il purra se faire payer. Si donc le debiteur par son abstention ne compromet en rien le paiement du creancier, parce qu'il es notoirement solvable, l'action du creatier ne sara pas recevable. C'est une sauvegaurde indispensable de la liberte du debiteur: il doit demurer seul maître de ses affaires, tant que ses creanciers n'ont aucun dommage a en subir…. …*

***911.** … … La meme idee conduirait a reconnaitre a l'action oblique un caractere sussidiare. Elle ne serait ouverete qu'a defaut d'autre moyen equivalent, a defaut nottamment d'action qui appartienne en propre au creancier et qui tende au meme resultat. La solution contraire prevaut cependent."*[20]

43. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz odjern, jidher bic-car li t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta assiguratrici ghal hlas tal-bilanc tal-prezz dovut lilha fuq il-vettura a bazi tal-actio surrogatoria ma tistax tirnexxi, stante li s-socjeta

[20] **Planiol et Ripert**: **Traite Pratique de Droit Civil Francais** (ediz. 1931) Vol. VII pagna 217.

attrici ma ressqet l-ebda prova li l-eredi tad-*decuius*, li wahda minnhom hija l-konvenuta Mary Tedesco, m'ghandhomx mezzi finanzjarji sabiex ihallsu l-ammont li kien dovut lilha mid-*decuius*. Wiehed ma jridx jinsa li l-eredi iridu jaghmlu tajjeb ghad-dejn tal-eredita, mhux biss bl-assi tal-eredita, izda wkoll bl-assi taghhom personali.[21] Certament li l-fatt wahdu li l-eredi tad-*decuius* huma persuni fizici, u mhux socjeta tal-assigurazzjoni, mhux sufficjenti sabiex jinghad li l-eredi m'ghandhomx assi bizzejjed sabiex ihallsu l-ammont pretiz mis-socjeta attrici.

44. Is-socjeta attrici lanqas tista' targumenta li hi pregudikata ghax ma kienitx taf min huma l-eredi l-ohra, apparti l-konvenuta Mary Tedesco, u cioe min huma hut il-mejjet. Apparti l-fatt li mill-atti ma jirrizultax li s-socjeta attrici talbet l-apertura tas-successjoni sabiex jigi stabbilit gudizzjarjament min huma l-eredi tad-*decuius*, pero mill-atti jirrizulta li ma kienx daqshekk difficli ghaliha totjeni din l-informazzjoni. Fil-fatt fis-seduta tal-20 t'April 2016, gie verbalizat li Dottor Fenech Adami, il-kuratur tal-eredi mhux maghrufa tad-*decuius*, informa lill-Qorti illi l-konvenuta ghaddietlu lista tas-seba' tfal taghha u l-indirizzi taghhom, u li hu kien kitbilhom, u pprezenta l-ittra relattiva.[22] In oltre, is-socjeta attrici stess harrket bhala xhieda taghha f'dawn il-proceduri lil zewg hut id-*decuius*, u allura eredi tieghu – Godwin Tedesco u Gino Tedesco.[23]

45. Ghalkemm min-nota tal-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet tal-konvenuta Mary Tedesco, kif ukoll mis-sottomissjonijiet tal-kuratur Dottor Fenech Adami ghall-eredi l-ohra, jidher li l-eredi qed jippretendu li s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici direttament, u li probabbilment kienu reticenti li jifthu proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta konvenuta sabiex thallashom a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni, dan ma jfissirx li huma personalment ma ghandhomx assi sufficjenti sabiex ihallsu l-ammont pretiz mis-socjeta attrici. Fil-fatt, mill-atti ma jirrizultax li kien hemm xi biza li d-debituri tas-socjeta attrici, cioe il-konvenuta Tedesco u l-eredi l-ohra tad-*decuius* jistghu ma jhallsux il-kreditu minnha pretiz, minhabba l-insolvenza jew perikolu kbir ta' insolvenza taghhom.

---

[21] Ara Artikolu 940 tal-Kodici Civili.
[22] Ara fol. 190 tal-process.
[23] Ara fol. 123 u 124 tal-process.

46. Anki jekk fil-kaz odjern, id-debituri m'ghandhomx oggezzjoni li s-socjeta attrici tithallas direttament minghand is-socjeta konvenuta, li huma jippretendu li hija debitrici taghhom, dan ma jfissirx li l-azzjoni surrogatorja tas-socjeta attrici ghandha tigi permessa mill-Qorti, ghaliex altrimenti jkun hemm kapolvigiment shih ta' dan l-istitut, u tal-principju legali li salv l-eccezzjonijiet previsti mil-ligi, il-kuntratti għandhom effett biss bejn dawk li jikkuntrattaw flimkien.[24]

47. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjoni, il-Qorti hija tal-opinjoni li s-socjeta attrici ma rnexxiliex tissodisfa wiehed mir-rekwiziti sabiex tista' tezercita l-azzjoni surrogatorja, u konsegwentement, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li bejnha u bejn is-socjeta attrici ma hemm l-ebda relazzjoni guridika se tigi milqugha.

48. In vista ta' din il-konkluzjoni, m'hux necessarju li din il-Qorti tinoltra ruhha fit-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

*Il-Mertu*

49. Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, il-konvenuta Mary Tedesco eccepiet li l-fatt li tezisti l-polza ta' assikurazzjoni huwa rikonoxxut mis-socjeta' attrici stess. Fis-sottomissjonijiet orali, il-kuratur Dr Beppe Fenech Adami aderixxa ma' din l-eccezzjoni tal-konvenuta Mary Tedesco. In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, u l-konkluzjoni ta' din il-Qorti li s-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, u allura s-socjeta attrici ma tistax tistrieh fuq it-termini tal-polza ta' assigurazzjoni sabiex titlob il-hlas tal-ammont li qed tippretendi li huwa dovut lilha minghand is-socjeta konvenuta, din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

50. Il-konvenuta Mary Tedesco u l-eredi l-ohra tad-*decuius* ma taw l-ebda eccezzjoni fil-meritu, u cioe li l-pretenzjoni ghall-hlas tas-socjeta attrici a bazi tal-*hire purchase agreement* li kellha mad-*decuius*, kienet infondata.

[24] Ara Artikolu 1001 tal-Kodici Civili.

51. Mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghadu dovut, fatt li ma gie kontestat bl-ebda mod f'dawn il-proceduri. Ghaldaqtant it-talba tas-socjeta' attrici kif diretta lejn il-werrieta tad-defunt Emanuel Tedesco hija misthoqqa u ghalhekk ser tigi milqugha.

52. Ghalkemm fir-rikors promotur, is-socjeta attrici ma talbitx espressament l-imghax fuq l-ammont minna pretiz, din il-Qorti tqis li dan l-imghax beda jiddekorri *ope legis* mid-data tan-notifika tar-rikors promotur, u dan ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili.[25]

**Konkluzjoni**

52. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tasjteni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;

2. Tilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Mary Tedesco;

4. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami bhala Kuratur Deputat ghall-eredi l-ohra ta' Emanuel Tedesco, u

5. Konsegwentement, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta Mary Tedesco u lill-konvenut Avukat Dottor Beppe Fenech Adami bhala Kuratur Deputat tal-eredi l-ohra ta' Emanuel Tedesco jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u hamsa u sittin Euro u sittin centezmu (€10,765.60c) ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm4,621.67), bl-imghax mis-7 ta' Novembru 2006 - id-data tal-ahhar notifika tar-rikors promotur lil dawn iz-zewg konvenuti - sad-data tal-pagament effettiv.

[25] Ara is-sentenza **Costantino Abela vs George Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 2005.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez tas-socjeta konvenuta u d-dritt dovut lill-Kuratur deputat ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici, fil-waqt li l-ispejjez l-ohra kollha ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenuta Mary Tedesco u mill-konvenut Avukat Dottor Beppe Fenech Adami bhala Kuratur Deputat tal-eredi l-ohra ta’ Emanuel Tedesco.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**